Dawn huma n-nomini msemmija fil-lista. Ma semmiex il-presidenza ta' l-Akkademja tal-Malti billi huwa kien jaf kemm fuq hekk ma kellux ħtieġa joqgħod isemmili għax kont naf sewwa kemm dam President. Ladarba qegħdin għal tagħrif storiku, il-biljett igib l-indirizz sħiħ tad-dar tal-Belt: nru. 34, Flat 8, Triq id-Dejqa; tele: 24311. La aħna fiha, tajjeb inżidu għall-istorja li l-'profs' waslitlu l-ħatra ta' ''Member of the Most Excellent Order of the British Empire'', u din il ħatra ssibha bl-ittra M.B.E. wara ismu. Kien wieħed minn dawk il-Maltin mhux biss ħerqan għall-istorja ta' Malta, talli sata' jgħid kemm tabilħaqq ''ra Malta tinbidel''!

Inzid tagħrif aktarx il-lum ftit li ħadd jafu. Fl-ewwel ta' Diċembru, 1926 il-President tal-''Għaqda'', Ġużè Muscat-Azzopardi, kiteb fi ''Il-Malti'': ''Nizżu ħajr 'l Alla, il-konkors li ħabbarna bih fl-aħħar ħarġa tal-MALTI irnexxa ħafna. Waslulna għaxra, il-biċċa l-kbira sbieħ u tajbin u tajniehom biex jagħżluhom lil tlieta minn l-aħjar kittieba tagħna li huma: l-Onor. Prof. Temi Zammit, M.D., C.M.G., il-Mons. Dun Karm Psaila u s-Sur Nin Cremona.'' L-ewwel kien ''l-istudent ta' l-Università, Ġużè Galea''; it-tieni ''l-istudentt ta' l-Università, Ġużè Bonnici''; it-tielet ''hu s-Sur Ġinu Muscat-Azzopardi''. It-tagħrif fuq ''Il-Konkors Tagħna'' temm hekk: ''Aħna nifirħu b'qalbna kollha lil dawn it-tliet żgħażagħ u lestejnielhom premju żgħir kull wieħed li nitolbuhom iżommu bħala tifkira tal-ġieħ kbir li ħaqqhom u biex iżjed iqawwu qalbhom u jħabirku biex iżommu dejjem għolja l-**letteratura** ta' art twelidna.'' Żied il-firma tiegħu F.S. Caruana, Segretarju. Is-sena ta' wara, f'Awissu għalaq għajnejh Ġużè Muscat-Azzopardi. Naħseb l-awgurju ta' Ġ.M.A. baqa' f'moħħ il-'profs'. B'xhud ta' dan għandna l-istorja.

**A.A.M.**

## IL-MALTI

**(Qari il toħroġ l-Akkademja tal-Malti)**

L-għan ta' **Il-Malti** hu:

- Li jħares l-interessi tal-Malti
- Li jieħu ħsieb l-uniformità ta' l-ortografija
- Li jiżviluppa l-letteratura u l-Kultura Maltija fl-ogħla livelli

Editur ta' dan il-Għadd Speċjali:
Ġużè Cassar Pullicino, A.L.A.
''Lares'', Triq it-Tabib Zammit, Balzan. Tel. 41884

Amministratur:
Patri J.M. Ghigo, S.J. (Teżorier **pro. temp.**)
Xavier House, 226 Triq S. Pawl, il-Belt. Tel. 623681

Kull kitba għall-pubblikazzjoni tintbagħat lill-Editur. Tkun ittajpjata bi spazju doppju u marġni ta' 10 ittri. Jintbagħtu żewġ kopji.



# EŻAMINATURI FLIMKIEN

**minn ĠUŻÈ AQUILINA**

Lill-Professur Ġużè Galea kont nafu għal ħafna snin. Kemm-il sena? Ma niftakarx. Għax mhix ħaġa ħafifa tgħid kif u meta jibdew il-ħbiberiji. Hemm min għandu memorja għad-dati u jibqa' jiftakar l-ewwel esperjenzi ta' ħajtu. Ngħid għalija, l-esperjenzi tal-ħbieb tiegħi huma kollha bla data — qishom kienu minn dejjem.

Kont smajt l-ewwel darba b'Ġużè Galea bħala professjonista-rumanzier li kien mogħti għall-kitba bil-Malti, u dan fi żmien meta ftit mill-professjonisti kienu juru fil-beraħ li huma favur il-Malti, għax il-kultura għalihom kienet tingabar kollha kemm hi fil-kultura Taljana. Tistagħġeb kif Ġużè Galea ma ddakkarx minn din il-mentalità; għax bħali hu trabba u kiber f'soċjetà ma ngħidilhiex anti-Maltija, għax inkun qed nesaġera, imma kienet żgur anti-Malti. Ma kenitx soċjetà anti-Maltija għax lil Malta kienu jħobbuha, imma, sfortunatament, kellhom l-idea żbaljata li 'l Malta tista' tifridha minn ilsienha u tħobbha mingħajru. Damu ma ttendew li min tħobbu tassew ma timmutahx bħalma timmuta bniedem li tobgħod meta tneħħilu lsienu. Mertu ta' Ġużè Galea, bħal dak ta' Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm Psaila, Ninu Cremona u kittieba oħrajn, hu li ra ċar biżżejjed mill-ewwel li Malta u l-Malti ma jinfirdux minn xulxin. Bħalu għamlu wkoll warajh żewġ professjonisti oħra — it-Tabib Ġużè Bonnici li miet qasir il-għomor u għalhekk ftit mill-ġenerazzjoni tal-lum għadhom jiftakruh, u Dr. Rużar Briffa li ħafna mill-ġenerazzjoni tal-lum laħquh ħaj.

Oħrajn f'dil-ħarġa ta' ''Il-Malti'' kitbu dwar ħajtu u xi aspetti tal-kitba tiegħu bil-Malti. Xi ħadd fakkru wkoll bħala President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti wara Dun Karm. Jien se nfakkar lil Ġużè Galea kif nafu bħala eżaminatur tal-Malti għall-Matrikola u għall-Kors ta' l-Università, flimkien mas-Sur Nin Cremona — żewġt iħbieb li jiena wkoll ngħoddhom bħala ħbieb tiegħi.

Fl-għoti tal-mistoqsijiet għall-eżami Galea kien joqgħod ħafna fuqi; ma kienx aħrax fil-marki u għalkemm kien imħabbat bix-xogħol tiegħu fid-Dipartiment tas-Saħħa dejjem kien isib iż-żmien biex jeħles mill-karti mingħajr ma jdewwem lill-istudenti. Minn sena għal oħra din saret rutina. Il-qari tal-karti ta' l-eżami mhix xi ħaġa li tħennik; ħafna mill-istudenti jirrepetu lil xulxin, u kotra minnhom jirrepetu n-noti ta' min ikun għallimhom — oriġinalità mill-